MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2012

Numru. 909/2011

**Il-Pulizija
(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Lorcharles Pace**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni kontra 'l hawn fuq imsemmi Lorcharles Pace, bin Zachary u Helen neé Apap, imwieled fil-21 ta' Gunju 1985 u residenti fil-fond North Sunshine, Triq il-Kav. L. Zammit Haber, Xewkija, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' numru 28085(G) li gie akkuzat talli nhar

l-Erbgha, 20 ta’ April 2011 ghal habta ta’ 08 :15hrs u fil-hinijiet ta’ qabel, gewwa Gnien Blankas, ix-Xewkija, Ghawdex;

1. ikkaccja jew ipprova jikkaccja ghall-kacca fuq il-gamiema u s-summiena matul l-istagun tal-kacca tar-Rebbiegha jew zamm jew garr arma tan-nar Benelli S/N E0188101 li kienet ikkargata jew bl-iskratacc taghha, u barra l-ghata taghha, kif ukoll munizzjon li jikkonsisti f’sitta u hamsin (56) skartocc, f’post fejn mhux permess l-isparar fuq kacca u dan bi ksur tar-regolament 17 ta’ l-A.L. 79 tal-2006, hekk kif emendat.

Il-Qorti giet mitluba sabiex minbarra l-piena taht ir-regolament 27 tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat, tordna l-konfiska tal-Corpus Delicti u s-sospensjoni ta’ kull licenzja jew permess mahruga tar-regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-taqsima XV tal-Kodici tal-Pulizija ghall-perjodu applikabbli taht l-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat;

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat ghall-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant din l-imputazzjoni giet sodisfacentement pruvata.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat Regolament 17 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 504.71 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah multa ta’ mitejn u hamsin ewro (€ 250.00).

Il-Qorti taghzel li tordna l-konfiska tal-*corpus delicti* pero’ mhijiex ser tordna s-sospensjoni tal-licenzja *stante* li din m’hijiex tassativa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------